**31 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

Henry Micallef *et noe*

*versus*

Michael Zarb *noe*

## Konsulent Legali - Inkontru mal-Kontroparti - Preskrizzjoni - Interruzzjoni - Rinunzja

*Bla dubbju ta' xejn hija norma mill-aktar sana li konsulent legali ta' parti għandu dejjem jevita li jitkellem dwar disputa pendenti mal-kontroparti meta din il-parti tkun sprovvista mill-konsulent legali tagħha. Meta ma jkunx hemm xi raġuni gravi li tiġġustifika n-non-osservanza ta' din in-norma hija ħaġa desiderabbli li ebda Qorti ma għandha tippermetti difensur li jitla' jixhed fuq il-kontenut ta' tali inkontru.*

*Il-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur. Meta t-terminu tal-preskrizzjoni relattiva jkun ġa' ddekorra r-rikonoxximent tad-debitu jekwivali għal rinunzja għall-effetti tal-preskrizzjoni.*

*Il-ġurisprudenza tagħna tirritjeni li l-interruzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja*

*għall-preskrizzjoni, javverraw ruħhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn żewġ sentenzi li ngħataw mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ rispettivament fit-12 ta' Ġunju, 1991 (fejn ġiet respinta eċċezzjoni tal-preskrizzjoni) u fit-18 ta' Novembru, 1992 (fejn ġie deċiż il-meritu u l-konvenut ġie kkundannat li jħallas is-somma ta' Lm6,000 bħala danni ta' okkupazzjoni illegali);

L-ewwel sentenza hija hekk:

"Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi, fil-kwalita' tagħhom premessa, wara li ppremettew:

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Ġunju, 1988 (dok. X) fl-ismijiet **Cosimo Montebello** ***et noe vs*** **Joseph M. Zarb** ***noe*** (Ċitazz. Nru. 34/85/CS) ġie dikjarat li s-soċjeta' konvenuta għal diversi snin kienet iddeteniet u wżat parti sostanzjali mill-*basement* ta' l-istitut Vincenzo Bugeja f'Santa Venera (proprjeta' tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja) bla ebda titolu validu fil-liġi;

Illi fil-mori tal-kawża fuq riferita, u preċiżament fl-4 ta' Frar, 1988 (kif jirriżulta mis-sentenza riferita), is-soċjeta' konvenuta rritornat iċ-ċwievet tal-*basement* in kwistjoni lill-atturi *nomine*;

Illi għalkemm interpellata diversi drabi biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni in kwistjoni s-soċjeta' konvenuta

baqgħet inadempjenti;

Talbu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tillikwida, jekk hemm bżonn bl-opra ta' periti *nominandi* d-danni dovuti mill-konvenut *nomine* lill-Conservatorio Vincenzo Bugeja għall-okkupazzjoni illegali tal-fond fuq riferit bħala maħżen għal diversi snin;

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* biex iħallas lill-atturi *nomine* s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Awissu, 1988 u tat-12 ta' Diċembru, 1988 kontra l-konvenut *nomine* li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fil-kwalita` tiegħu premessa, illi biha eċċepixxa:

Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' żmien sentejn peress illi din hija kawża għad-danni li mhux naxxenti minn azzjoni kriminali u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu (sic) tal-Kodiċi Ċivili;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut *nomine*;

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokument esibit;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat dwar l-istess eċċezzjoni:

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut *nomine* bl-ispejjeż kontra tiegħu";

Illi wara li ngħatat din is-sentenza l-ewwel Onorabbli Qorti għaddiet biex teżamina l-meritu u fit-18 ta' Novembru, 1992 ippronunzjat is-segwenti sentenza:

"Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni fl-ismijiet premessi kif riprodott fid-deċiżjoni tagħha tat-tnax (12) ta' Ġunju, 1991;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* ppreżentata fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju, 1990 illi permezz tagħha eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attriċi, liema eċċezzjoni ġiet respinta permezz tad-deċiżjoni hawn fuq imsemmija tat-12 ta' Ġunju, 1991;

Rat id-digriet tat-tnejn (2) ta' Ottubru, 1991 illi l-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Huntingford ġie nominat perit tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar l-ewwel (1) talba attriċi u sabiex jagħmel l-osservazzjonijiet kollha illi għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut *nomine*, ippreżentata fl-għaxra (10) ta' April, 1992 illi biha eċċepixxa;

Illi fil-meritu t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ġaladarba hu kien jipposjedi l-fond in kwistjoni b'titolu ta' lokazzjoni u dejjem ħallas il-kera dovuta. Inoltre kien l-istess kumitat li ta ċans lill-konvenut jibqa' (sic) fil-fond konċernat sakemm isib post ieħor;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti kompriża r-relazzjoni ta' l-imsemmi Perit Tekniku, debitament maħlufa fis-seduta ta' l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju, 1992;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut *nomine*;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-eċċezzjoni fil-meritu tal-konvenut *nomine*, tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi billi tillikwida d-danni dovuti mill-konvenut *nomine* lill-atturi *nomine* għall-okkupazzjoni illegali tal-fond imsemmi fl-att ta' ċitazzjoni matul għaxar (10) snin bejn l-1977 u l-1987 u fl-ammont ta' sitt elef lira (Lm6000), u tilqa' wkoll it-tieni (2) talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut *nomine* sabiex iħallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' Lm6000 hekk likwidata in linea ta' danni;

Tordna illi l-ispejjeż kollha tal-kawża illi għadhom ma ġewx deċiżi jiġu sopportati mill-konvenut *nomine*";

Il-konvenut ħassu aggravat b'dawn iż-żewġ sentenzi u appella minnhom billi sostna li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tiġi milqugħa u li fi kwalunkwe każ l-ewwel Onorabbli Qorti llikwidat ammont eċċessiv ta' danni. L-appellant talab li dina l-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fit-12 ta' Ġunju, 1991 u minflok tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premessi tirriforma s-sentenza mogħtija fit-18 ta' Novembru, 1992 billi waqt li tikkonfermaha kwantu għaddiet biex tillikwida d-danni iżda tirrevokaha fi kwalunkwe każ dwar l-ammont billi tiffissa ammont aktar adegwat. Bl-ispejjeż;

L-atturi appellati rrispondew li s-sentenzi appellati kienu t-tnejn ekwi u ġusti u kienu jimmeritaw konferma - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Irriżulta li b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-13 ta' Ġunju, 1988 fil-kawża Ċitazz. Nru. 347/85 ġie dikjarat li s-soċjeta' konvenuta kienet iddeteniet u wżat parti sostanzjali mill-*basement* ta' l-Istitut Vincenzo Bugeja bla ebda titolu validu fil-liġi. Meta ġiet intavolata dik il-kawża, is-soċjeta' kienet qiegħda tokkupa dan il-fond u rriżulta li hija żgombrat minn hemm u rritornat iċ-ċwievet lill-appellati fil-mori ta' dik il-kawża;

*Omissis*;

Fiċ-Ċitazzjoni Nru. 347/85 espressament ġie riservat id-dritt "ta' kwalsiasi azzjoni għad-danni" u effettivament bil-kawża odjerna

Ċitazz. Nru. 373/90 ipprezentata fid-29 ta' Marzu, 1990 il-Konservatorju qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni għall-okkupazzjoni illegali da parti ta' l-appellant tal-fond in kwistjoni. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ippronunzjat iż-żewġ sentenzi fuq riferiti li bihom bl-ewwel waħda ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u bit-tieni waħda l-appellant ġie kkundannat iħallas is-somma ta' Lm6000 likwidata bħala danni għall-okkupazzjoni matul għaxar snin bejn is-sena 1977 u s-sena 1987;

L-ewwel Onorabbli Qorti, bis-sentenza tat-12 ta' Ġunju, 1991 ċaħdet din l-eċċezzjoni minħabba li rriteniet li fit-3 ta' Ottubru, 1990 l-appellant, waqt li kien jistenna li tissejjaħ il-kawża, tkellem max-xhud Frances Portelli u mad-difensur ta' l-appellati, Dottor Louis Vella, u f'dik l-okkażjoni l-appellant irrikonoxxa li l-Konservatorju kellu dritt ta' kumpens u li dik l-ammissjoni kienet tammonta għal rinunzja tal-preskrizzjoni ġa' kompjuta;

L-appellant spjega l-aggravju tiegħu dwar din il-konklużjoni hekk:

"Ma kien hemm l-ebda prova ċerta u definita ta' l-istess interruzzjoni. L-Avukat ta' l-atturi, mhux skond l-etika professjonali, ġabar u kellem lill-konvenut fil-kuridur waqt li qed jistenna l-kawża. Kien legali u leġittimu dan? Kien hemm ammissjoni <u>**univoka**</u> u <u>**bla preġudizzju**</u> ta' l-istess debitur?

Jekk hu permissibbli dan, allura kollox jista' jsir, basta jkun hemm riżultat, u l-Qorti tal-Kummerċ emnent lill-Avukat u mhux lill-konvenut dwar id-diskors. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet fondata";

L-appellati rrispondew għal dan il-lament billi rrilevaw li:

"L-appellant qed jerġa' jipprova jitfa' dell ikrah fuq id-difensur ta' l-esponenti billi jallega li kien hu li kontra "l-etika professjonali qabad u kellem lill-konvenut". Il-provi, pero`, juru li ma kien xejn minn dan u li kien proprju l-konvenut spontanjament u minn rajh li l-ewwel max-xhud Francis Portelli u sussegwentement anke fil-presenza tad-difensur ta' l-esponenti, irrikonoxxa d-debitu u b'hekk irrinunzja għall-preskrizzjoni;

Lanqas m'huwa korrett l-appellant meta jgħid li l-Ewwel Qorti "emnent lill-Avukat u mhux lill-konvenut dwar id-diskors". Bħala fatt kien ix-xhud Francis Portelli li *viva voce* xehed fid-dettal dwar dak li ntqal mill-konvenut u ċ-ċirkostanzi li fihom sar id-diskors. L-Avukat Vella illimita ruħu li jikkonferma dak li xehed l-imsemmi xhud. Dan ifisser li l-konvenut, li għażel li jixhed b'affidavit, ġie kontradett minn żewġ xhieda dwar (a) li kien hu li minn rajh kellem lil Dottor Vella u mhux vice-versa; u (b) li bil-kliem li qal ammetta li kien għadu ma ħallas xejn lill-atturi *nomine* bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-maħżen in kwistjoni. L-esponenti jissottomettu li Dottor Vella mhux talli ma mexiex kontra l-etika professjonali, talli kien ikun qed jonqos mid-doveri tiegħu bħala difensur ta' l-appellati kieku ma wżax ir-rikonoxximent spontaneju da parti ta' l-appellant biex iwaqqa' l-preskrizzjoni sollevata mill-istess appellant";

Illi bla dubbju ta' xejn hija norma mill-aktar sana li konsulent legali ta' parti għandu dejjem jevita li jitkellem dwar disputa pendenti mal-kontroparti, meta din il-parti tkun sprovvista mill-konsulent legali tagħha. U meta ma jkunx hemm xi raġuni gravi li tiġġustifika n-non-osservanza ta' din in-norma hija ħaġa desiderabbli li ebda Qorti ma għandha tippermetti difensur li jitla' jixhed fuq il-kontenut

ta' tali inkontru;

Issa fil-każ odjern, din il-Qorti ma tara ebda raġuni valida għan-nuqqas ta' adeżjoni ma' din in-norma da parti tad-difensur ta' l-appellati. Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda titratta d-depożizzjoni ta' Dottor Vella li tinsab a fol. 22, 23 u 24 tal-proċess daqs li kieku qatt ma ngħatat;

Għaldaqstant, il-kwistjoni jekk l-appellant irrinunzjax għall-preskrizzjoni ġa' kompjuta (liema kwistjoni ġiet investigata fis-sentenza tat-12 ta' Ġunju, 1991) sejra tiġi mistħarrġa unikament a bażi tax-xhieda ta' Francis Portelli u ta' l-affidavit ta' l-appellant;

Illi din il-Qorti, bħall-ewwel Onorabbli Qorti, tinklina li aktar tagħti affidabilita' għall-istqarrija ta' Francis Portelli. Minn din id-deposizzjoni jirriżulta, li l-appellant Zarb ma kkontestax il-kreditu ta' l-appellati *ut sic* iżda kkontesta l-*quantum* tiegħu billi ppretenda li s-somma mitluba bħala ħlas għall-okkupazzjoni mhux skond il-liġi, kienet waħda esaġerata. Fi kliem ieħor, skond Francis Portelli, l-appellat Zarb irrikonoxxa l-kreditu tal-Konservatorju, ankorke' dan il-kreditu ma kienx wieħed likwidu;

Il-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur. Meta t-terminu tal-preskrizzjoni relattiva jkun ġa' ddekorra r-rikonoxximent tad-debitu jekwivali għal rinunzja għall-effetti tal-preskrizzjoni. Ta' min jirrileva hawn illi l-ġurisprudenza tagħna tirritjeni li l-interruzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja għall-preskrizzjoni, javverraw ruħhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu;

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ odjern din

il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kontenuta fis-sentenza tat-12 ta' Ġunju, 1991 li kien hemm rinunzja da parti ta' l-appellant tal-preskrizzjoni ġa' kompjuta. Konsegwentment, l-ewwel aggravju ma jistax jintlaqa';

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad l-appell in kwantu dirett għar-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li ngħatat fit-12 ta' Ġunju, 1991 u għalhekk tikkonferma din is-sentenza;

Tilqa' l-appell in kwantu dirett għar-riforma tas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Novembru, 1992 billi tikkonfermaha kwantu għaddiet biex tillikwida d-danni għall-okkupazzjoni illegali tal-maħżen in kwistjoni, iżda tirrevoka in kwantu llikwidat id-danni fis-somma komplessiva ta' Lm6000 u minflok tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm1250 u għalhekk tikkundanna lill-appellant li jħallas lill-appellati din is-somma ta' Lm1250, in linea ta' danni kif fuq intqal;

Dwar l-ispejjeż hi tordna li:

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi fis-sentenzi appellati;

L-ispejjeż konnessi ma' l-appell, in kwantu dirett għas-sentenza tat-12 ta' Ġunju, 1991 jibqgħu kollha għall-appellant;

L-ispejjeż konnessi ma' l-appell mis-sentenza tat-18 ta'

Novembru, 1992 jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.